MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 409/2005

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Cartwheel Enterprises Ltd.**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-7 ta’ Frar, 2005 fejn gie mitlub li s-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ erba’ mija u sebgha u tmenin liri Maltin u wiehed u disghin centezmu (Lm487.91) in konnessjoni mas-servizzi telefonici bin-numri 21571669 (Account Number 10211387 – CN 1067163); 21571670 (Account Number 10211388) u 21575505 (Account Number 10211389) illi interpellata diversi trabi sabiex tghaddi ghall-hlas is-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra s-socjeta` konvenuta.

Bl-imghax u bl-ispejjez.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex is-socjeta` konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat ai termini ta’ l-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u ta’ l-Artikoli 698 (2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm is-socjeta` konvenuta giet regolarment notifikata, naqset milli tidher meta gew ipprezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet tas-socjeta` attrici u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ erba’ mija sebgha u tmenin liri Maltin u wiehed u disghin centezmu (Lm487.91), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta` konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------